# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN

**Rikors Nru: 1033/2015**

**Illum 7ta' Marzu, 2016**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**vs**

**(1) Daniel Falzon (ID: 333586M) u**
**(2) Raymond Falzon (ID: 568861M)**
**in solidum bejniethom**

**Illum 7 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici presentat fit-2 ta' Novembru, 2015, fejn gie premess:

*"1. ILLI s-socjetá rikorrenti ħarġet il-polza assikurattiva bin-numru 324120314263 fuq il-vettura ta' l-għamla Ford Fusion, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBG-862 proprjetá ta' l-intimat Raymond Falzon, liema polza kienet tat-tip "Third Party Fire & Theft". Din il-polza kienet tkopri lill-intimat, Raymond Falzon, kif ukoll kull sewwieq ieħor awtorizzat minnu li jkun għalaq l-etá ta' ħamsa u għoxrin (25) sena jew aktar – u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkata Dok.GMI.1 sa Dok.GMI.3;*

2. *ILLI l-vettura msemmija kienet involuta f'incident awtomobilistiku illi sehh fix-Xatt ta' Tigne, tas-Sliema fis-7 ta` Lulju 2013, waqt illi l-istess vettura kienet qed tinstaq mill-intimat Daniel Falzon, iben l-assikurat tas-socjeta rikorrenti, li fil-hin tal-incident kien taht l-influenza tax-xorb, u habat f'sensiela ta` vetturi pparkeggjati fosthom il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAN-700 proprjeta` ta` Daniel Patrick Grixti Soler (ID: 176287M), assikurata mas-socjeta` rikorrenti permezz tal-polza tal-assikurazzjoni bin-numru 34200349644, l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MUS-769, proprjeta` ta` Christopher Mousu (ID: 33269M), assikurata mas-socjeta` rikorrenti permezz tal-polza tal-assikurazzjoni bin-numru 187170286660, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NQZ-206, proprjeta tas-socjeta` London Services Limited u assikurata mas-socjeta` Elmo Insurance Limited – u dan kif jirrizulta mill-okkorenza tal-pulizija hawn annessa u mmarkata Dok.GMI.4;*

3. *ILLI l-imsemmija socjeta` London Services Limited, proprjetarja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NQZ-206, istitwit proceduri fic-Centru Malti tal-Arbitragg (Numru 4227/2014) kontra l-intimat Daniel Falzon, liema proceduri ghadhom pendenti, ghall-hlas ta` danni sofferti mill-istess socjeta` in segwitu tal-incident tas-7 ta` Lulju 2013 fl-ammont ta` erba` mija u seba` Euro u tmintax-il Eurocentezmu (€407.18), f'liema proceduri s-socjeta` rikorrenti giet awtorizzata sabiex tintervjeni in statu et terminis bhala insurer concerned u in vista tal-fatt illi tista` tigi ordnata thallas lis-socjeta` London Services Limited l-ammont ta` danni reklamati ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta` Malta – Dok.GMI.5 u Dok.GMI.6;*

4. *ILLI sal-lum is-socjeta` rikorrenti hallset is-somma hdax-il elf mitejn u tnejn u erbghin Euro u hamsa u ghoxrin Eurocentezmu (€11,242.25) lill-assikurat taghha Christopher Mousu u elf mitejn u hamsa u tletin Euro u hamsa u ghoxrin Eurocentezmu (€1,235.25) lill-assikurat taghha Daniel Patrick Grixti Soler, in linea ta` danni sofferti mill-istess Christopher Mousu u Daniel Patrick Grixti Soler in segwitu tal-incident awtomobilistiku tas-7 ta` Lulju 2013 rizultanti mis-survey reports mhejjin fir-rigward tal-vetturi MUS-769 u DAN-700 hawn annessi u mmarkati Dok.GMI.7 u Dok.GMI.8;*

5. *ILLI dawn il-hlasijiet saru mis-socjeta` rikorrenti biss minhabba l-obbligi legali taghha ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghax kienet kostretta taghmel hekk minhabba l-operat tal-ligi;*

6. *ILLI ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta' tnax-il elf hames mija tnejn u tletin Euro u tmienja u erbghin Eurocentezmu (€12,532.48)- u dana skond kif jirrizulta mill-prospetti annessi u mmarkati bhala Dok.GMI.9 u Dok.GMI.10, u hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

7. *ILLI l-ammont ta` tnax-il elf hames mija tnejn u tletin Euro u tmienja u erbghin Eurocentezmu (€12,532.48) ma jinkludix is-somma ta` erba` mija u seba` Euro u tmintax-il Eurocentezmu (€407.18) rapprezentanti l-ammont ta` danni mitluba mis-socjeta` London Services Limited fil-proceduri ta` l-Arbitragg Numru M4227/2014, stante l-proceduri pendenti fic-Centru Malti tal-Arbitragg;*

8. *ILLI ghal dawn id-danni jahtu l-intimati in solidum u bejniethom, u dana stante illi l-intimat Raymond Falzon ippermetta illi l-vettura assikurata f'ismu tinstaq minn persuna illi kienet qed issuq fi stat intossikat; u stante illi l-intimat l-iehor Daniel Falzon kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni meta saq l-istess vettura waqt li kien taht l-influenza tal-alkohol;*

9. *ILLI interpellati sabiex ihallsu permezz ta` ittra ufficcjali datata 21 ta` Marzu 2014 u permezz ta` trattattivi ma` l-intimati, l-istess intimati baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikkjara illi bl-eghmil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 324120314263 mahruga mis-socjeta rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBG-862 proprjeta' ta' l-intimat Raymond Falzon;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf hames mija tnejn u tletin Euro u tmienja u erbghin*

***Eurocentezmu (€12,532.48), jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;***

3. ***Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata;***

***Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-21 ta` Marzu 2014, u dak tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni".***

Rat in-nota presentata mill-konvenuti fil-15 ta' Frar, 2016, fejn huma ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors mahluf.

Ghalhekk mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fir-rikors mahluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Moqrija,

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur